# Purċissjonijiet fis-Santwarju

## *Dari u Llum*

Dennis Caruana, Uffiċjal Relazzjonijiet Pubbliċi tas-Santwarju

Din is-sena, il-Komunità Karmelitana li tmexxi dan is-Santwarju, fakkret it-310 snin minn meta saret l-istatwa ta' San Ġużepp maħduma fl-injam, mill-iskultur Malti Nazju Portelli fis-sena 1694. Għalhekk, xieraq li nfakkru lil kulħadd, li din is-sena l-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp, flimkien mal-Komunità tas-Santwarju, fakkru dan l-anniversarju ta' l-istatwa b'festa sabiħa u devota, li ġiet iċċelebrata fid-19 ta' Marzu. Minbarra l-purċissjoni ta' San Ġużepp, li ssir kull sena fid-19 ta' Marzu, ikun hawn żewġ purċissjonijiet oħra, waħda naturalment tal-Patruna u l-Omm tagħna l-Madonna tal-Karmnu, u oħra li għalkemm m'hijiex meqjusa bħala antika, għax ilha biss madwar sittax-il sena, hija bis-Ssmu. Sagrament li ssir kull sena, il-Ħamis lejlet il-festa tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù.



*Meta ħarġu ż-żewġ statwi għeżież tagħna fl-1993 fid-19 ta' Marzu.*



*Il-vara tal-Beatu Karmelitan Franco ta' Siena. Din hija ta' Vincenzo Dimech. Tkun armata għall-festa fil-11 ta' Diċembru u kienet toħroġ purċissjoni. Il-pedestall tal-vara kien ġie mogħti lill-istatwa ta' Santa Venera.*

Fiż-żmien kienu jsiru erba' oħra, tal-Beatu Franco minn Siena, Karmelitan, li f'dan is-Santwarju għandna statwa ferm sabiħa tiegħu, li ġieli tintrema waqt il-jiem tal-festa tal-Madonna tal-Karmnu, fin-niċċa tal-Madonna, oħra kienet tal-Kumpanija ta' Corpus Christi, li kienet issir b'solennità kbira, tal-profeta Sant'Elija, Missier l-Ordni Karmelitan li f'dan is-Santwarju għandna statwa sabiħa ħafna tiegħu, u dik ta' l-Anġlu Kustodju, li l-istatwa tiegħu reġgħet ħadet postha fis-Santwarju flimkien ma' San Ġużepp, statwa sabiħa ħafna, maħduma fl-injam minn Vincenzo Dimech, li fl-1793 kienet lesta żgur.

Il-purċissjoni li se toħroġ din is-sena mis-Santwarju, hija t-382 waħda. L-ewwel purċissjoni tal-Karmnu, kienet fis-sena 1622, sena li fiha twaqqfet is-Sodalità tal-Madonna tal-Karmnu. Fi-bidu l-purċissjoni, ma tantx kienet twila wisq, l-ewwelnett għax il-Belt Valletta kienet għadha qed tinbena, imma matul iż-żmien saret purċissjoni kbira u devota, kif b'wiċċna minn quddiem nistgħu ngħidu li llum ħadet forma oħra, dik ta' pellegrinaġġ Marjan u ta' devozzjoni kbira.

Minn dokument li jġib id-data ta' l-14 ta' Lulju 1828, jidher ċar li l-purċissjoni tal-Madonna tal-Karmnu kienet tgħaddi minn dawn it-toroq: Zekka, San Mark, l-Ifran minn quddiem Santu Wistin, kienet tilwi għal Triq San Ġwann, tgħaddi minn ħdejn il-Kon-Katidral ta' San Ġwann, iddur għal Triq Merkanti, tilwi minn Triq San Kristofru, u minn Triq ir-Repubblika, għal Triq it-Teatru. Kienet meqjusa wkoll bħala purċissjoni famuża, għax fiha kienu jieħdu sehem l-ordnijiet reliġjużi kollha, u kienu jieħdu sehem ukoll sitt fratellanzi li kienu mwaqqfin fl-istess Santwarju, u kienet tkun imqassma hekk: Fratellanzi tal-Madonna tal-Karmnu, San Ġużepp, Anġlu Kustodju, Beatu Franco, u żewġ kongregazzjonijiet oħra, li dawn ma kinux jilbsu konfratija, dik ta' San Luigi Gonzaga, u ta' San Luigi Re, dawk kienu mmexxija mill-parrukkiera tal-Belt, imbagħad il-komunitajiet ta' l-ordnijiet l-oħra, u l-komunità tal-Belt. Interessanti l-fatt, li meta l-isqof

ta' dak iż-żmien ried li l-purċissjoni titqassar, tant inħolqot konfużjoni, li permezz ta' rikors li kienu għamlu l-patrijiet stess, il-purċissjoni reġgħet saret kif semmejna aktar 'il fuq. Illum il-purċissjoni tal-Madonna tal-Karmnu tgħaddi minn toroq aktar dritti u aktar b'mod dinjituż.



Il-purċissjoni kif issir illum, saret l-ewwel darba, proprju 123 sena ilu, fis-16 ta' Lulju 1881, sena li fiha għall-ewwel darba f'Malta u Għawdex saret l-ewwel inkurunazzjoni ta' xbiha mirakoluża tal-Madonna tal-Karmnu, purċissjoni li baqgħet magħrufa, anke mill-ġurnali ta' dak iż-żmien bħala waħda eċċezzjonali. It-toroq huma dawn: Teatru, Punent, Arċisqof, Merkanti, iddur għal quddiem il-Kon-Katidral ta' San Ġwann, Triq ir-Repubblika, u għal Triq it-Teatru. Tajjeb li ngħidu, li quddiem il-Kon-Katidral ta' San Ġwann, filwaqt li l-istatwa ddur quddiem il-bieb prinċipali, dan l-aħħar ukoll quddiem il-knisja tal-Griegi Kattoliċi fi Triq l-Arċisqof, l-istatwa ssellem ukoll lis-Santwarju Marjan ieħor fil-Belt, dak tal-Madonna ta' Damaxxena.

Il-purċissjoni llum hija magħrufa wkoll għal mijiet ta' devoti, li jimxu wara l-istatwa devota tal-Madonna tal-Karmnu, b'talba tar-Rużarju mqaddes imlibbsin bil-Labtu tal-Karmnu. Forsi mhux b'kumbinazzjoni, li l-Madonna fl-aħħar dehra ġewwa Lourdes fis-16 ta' Lulju, ħeġġet lil Santa Bernardetta biex issirilha purċissjoni. Għalhekk, jekk inti li qed taqra forsi għadek qatt ma rajt din il-purċissjoni, nistiednek biex tieħu sehem fiha, li żgur għalkemm il-ħafna diskors li jsir fuq il-festi llum, din tagħmel unur mhux biss lill-Komunità Karmelitana li tagħmilha, imma lill-Knisja hawn Malta. Tajjeb li ngħidu li fil-purċissjoni llum jieħdu sehem il-Fratellanza ta' San Ġużepp, ta' l-Anġlu Kustodju, tal-Madonna tal-Karmnu, it-Terzjarji Karmelitani, u l-Komunità Karmelitana tal-Belt, flimkien mal-Provinċja Karmelitana Maltija, immexxija mill-provinċjal. Ħafna drabi tieħu sehem ukoll il-Fratellanza tal-Madonna tal-Karmnu taż-Żurrieq, flimkien mal-ħafna devoti li jimxu wara l-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu, li wara li jingħad ir-Rużarju, takkumpanja l-banda b'innijiet Marjani sas-Santwarju Bażilika tagħha.



*Il-vara ta' Fatima fl-aħħar dehra tagħha. Din il-vara diġà kienet teżisti fl-1906. Il-vara biss għax it-tfal saru fis-snin sittin. Għal xi għaxar snin kienet toħroġ pellegrinaġġ fid-dehriet kollha ta' Fatima.*

Purċissjoni oħra, hija dik ta' San Ġużepp, li toħroġ kull sena minn dan is-santwarju f'jum il-festa tiegħu fid-19 ta' Marzu. Din il-purċissjoni ilha ssir mis-sena 1925, u fil-bidu kienet tgħaddi minn dawn it-toroq: Zekka, San Mark, l-Ifran, u Teatru. Wara li sar xi tibdil bi żmien fit-toroq, illum il-purċissjoni tgħaddi minn dawn it-toroq: Teatru, Punent, Arċisqof, Repubblika quddiem il-Palazz tal-President, Teatru sas-Santwarju. F'din il-purċissjoni tieħu sehem b'mod attiv l-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp flimkien mal-Komunità Karmelitana.

It-tielet u l-aħħar purċissjoni li toħroġ mis-Santwarju tagħna, hija dik li ssir lejlet il-festa tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. Din il-purċissjoni, għalkemm kif ktibt aktar 'il fuq kienet issir waħda ta' Corpus Christi, m'hijiex antika ħafna. Kienet fuq inizjattiva tal-Pirjol preżenti P. Martin D. Schembri O. Carm., li madwar sittax-il sena ilu, flimkien mal-komunità, ġie deċiż li tibda ssir din il-purċissjoni lejlet il-festa tal-Qalb ta' Ġesù, jiġifieri dejjem issir fil-ġurnata tal-Ħamis. Din il-purċissjoni għalkemm m'hijiex twila ħafna, imma tqanqal ċerta devozzjoni u solennità. Il-purċissjoni toħroġ mis-Santwarju fi Triq it-Teatru, għal Triq Zekka, iddur għal Triq l-Ifran u terġa' tilwi għal Triq it-Teatru, fejn din it-triq tkun aramata b'tapit aħmar, u bil-fjuri u qsari. Marbuta ma' l-Ewkaristija nista' nsemmi wkoll li matul dawn l-aħħar jiem, bdejna nagħmlu adorazzjoni kull nhar ta' Ġimgħa fl-Oratorju ta' Ġesù Nazzarenu, mis-7.30am sal-5.30pm li qed tmur tajjeb ħafna, u ħafna nies jiġu jitolbu quddiem il-Mulej Ġesù, it-tifel ta' Marija.

Filwaqt li nawgura lil kulħadd il-festa t-tajba, jalla l-Mulej Ġesù, li kif tana lil ommu Marija biex tkun l-omm tagħna, aħna wkoll nersqu lejh permezz ta' din l-Omm tagħna tal-Karmelu, li kif libbset lill-Mulej Ġesù tarbija fl-għar ta' Betlem, hekk tlibbes lilna wkoll bil-Labtu Mqaddes li tatna.

**Viva l-Madonna tal-Karmnu.**